

Brussell, 10 ta' Lulju 2023
(OR. en)

10506/1/23
REV 1
PV CONS 29
JAI 831
COMIX 291

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Ġustizzja u Affarijiet Interni)
8 u 9 ta' Ġunju 2023

WERREJ

Pàġna

AFFARIJET INTERNI

1.	Adozzjoni tal-aġenda	5
2.	Approvazzjoni tal-punti "A"	
a)	Lista mhux leġiżlattiva	5
b)	Lista leġiżlattiva	6

GOVERNANZA POLITIKA TAŻ-ŻONA SCHENGEN ("KUNSILL TA' SCHENGEN")

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3.	Is-sitwazzjoni generali taż-żona Schengen	6
4.	Politika dwar il-viża: monitoraġġ tas-sistemi mingħajr viża	6

KWISTJONIJIET OĦRA MARBUTA MAL-AFFARIJET INTERNI

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

5.	Regolament dwar il-ġestjoni tal-ażil u tal-migrazzjoni	7
6.	Regolament dwar il-proċeduri tal-ażil	7
7.	Affarijiet oħra	7
	Proposti leġiżlattivi attwali	

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

8.	Il-ġlieda kontra l-isfidi tas-sigurtà: valutazzjoni mill-Bord Konsultattiv tal-Intelligence	8
9.	Il-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti u t-terroriżmu	8
10.	L-aċċess għad-data għall-infurzar effettiv tal-liġi/"going dark"	8
11.	L-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna	8
a)	Implikazzjonijiet għas-sigurtà interna	
b)	Protezzjoni temporanja għan-nies li jaħarbu mill-gwerra	
12.	Id-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni inkluż is-sitwazzjoni fit-Tuneżija	8

13.	Konklużjonijiet dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza tas-soċjetà kollha fil-kuntest tal-protezzjoni ċivili, inkluż it-tnejja għal theddid Kimiku, Bijoloġiku, Radjoloġiku u Nukleari (CBRN).....	8
14.	Affarijiet oħra	8
a)	Laqgħa ministerjali tal-Proċess ta' Brdo, Portorož, 3 u 4 ta' April 2023	
b)	Laqgħa ministerjali bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (Stokkolma, 20-21 ta' Ġunju 2023)	
c)	Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss	

ĠUSTIZZJA

Deliberazzjonijiet leġislattivi

15.	Direttiva kontra kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika ("Direttiva kontra s-SLAPP")	9
16.	Direttiva li temenda d-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu.....	9
17.	Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika.....	9
18.	Direttiva dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u ta' pjeni għall-ksur ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni.....	9
19.	Direttiva dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi	10
20.	Affarijiet oħra	10
	Proposti leġislattivi attwali	

Attivitajiet mhux leġislattivi

21.	Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)	10
22.	L-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna: investigazzjoni u prosekuzzjoni tal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-UE.....	10
23.	Aspetti ġudizzjarji tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata: investigazzjonijiet effettivi u drittijiet fundamentali	10
24.	Konklużjonijiet dwar is-sikurezza ta' persuni LGBTI fl-Unjoni Ewropea.....	10
25.	L-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.....	10

26. Affarijiet oħra	10
a) Laqgħa ministerjali bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (Stokkolma, 20-21 ta' Ġunju 2023)	
b) Konferenza tal-Ministri għall-Ġustizzja tal-Kunsill tal-Ewropa Riga, 11 ta' Settembru 2023	
c) Trasferiment ta' data personali lil stati terzi	
i) Rieżami tad-deċiżjoni ta' adegwatezza għall-Ġappun	
ii) Ħidma li għaddejja dwar il-qafas tal-privatezza tad-data bejn l-UE u l-Istati Uniti	
d) Tabella ta' valutazzjoni tal-ġustizzja 2023	
e) Konferenza Diplomatika għall-adozzjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Legali Reċiproka (MLA) Ljubljana, mill-15 sas-26 ta' Mejju 2023	
f) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss	
 ANNEX - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill	 12

IL-ĦAMIS 8 TA' ĠUNJU 2023

AFFARIJIET INTERNI

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 9917/23.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

a) Lista mhux leġiżlattiva

9918/23

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument ta' hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha preżentati għall-adozzjoni. Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

Għall-punti li ġejjin id-dokumenti għandhom jaqraw kif ġej:

Affarijiet Ġenerali

10. Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Renju Unit dwar il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fi kwistjonijiet ta' kompetizzjoni
Adozzjoni
approvat mill-Coreper, Parti 2, fis-07.06.2023

☐ 9471/23 + COR 1
+ ADD 1
9466/23
+ ADD 1
+ ADD 1 COR 1
+ ADD 2
+ ADD 2 COR 1
UK

Affarijiet Barranin

13. Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-gvern tar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania dwar l-istabbiliment u l-funzjonament taċ-Ċellula ta' Konsulenza u Koordinazzjoni Reġjonali
Adozzjoni
approvat mill-Coreper, Parti 2, fis-07.06.2023

7858/23 + COR 1
6951/23
6952/23
CORLX

- b) **Lista leġiżlattiva** (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) 9919/23

Affarijiet Ġenerali

1. **Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja** 9742/23
Approċċ ġenerali JUR
approvat mill-Coreper, Parti 2, fil-31.05.2023 COUR

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar l-abbozz ta' Regolament li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 281 TFUE).

Ġustizzja u Affarijiet Interni

2. **Reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Permess Uniku** 9371/1/23 REV 1
Approċċ ġenerali + REV 1 ADD 1
approvat mill-Coreper, Parti 2, fil-24.05.2023 9474/23
MIGR

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar l-abbozz tad-Direttiva dwar il-Permess Uniku (riveduta) (bażi legali: l-Artikolu 79(2) TFUE). Dikjarazzjoni mill-Ungerija tinsab fl-Anness.


GOVERNANZA POLITIKA TAŻ-ŻONA SCHENGEN ("KUNSILL TA' SCHENGEN")

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. Is-sitwazzjoni ġenerali taż-żona Schengen 9504/23
Skambju ta' fehmiet 10059/23
4. Politika dwar il-viża: monitoraġġ tas-sistemi mingħajr viża 9508/23
Skambju ta' fehmiet 10099/23

Deliberazzjonijiet leġislattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

5. **Regolament dwar il-ġestjoni tal-ażil u tal-migrazzjoni¹**  10084/23
Approċċ ġenerali

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar ir-Regolament propost dwar il-ġestjoni tal-ażil u tal-migrazzjoni kif jinsab fid-dokument 10443/23. Dikjarazzjonijiet mill-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Irlanda, Malta u l-Ungerija kif ukoll dikjarazzjoni konġunta mill-Ġermanja, l-Irlanda, il-Lussemburgu u l-Portugall jinsabu fl-Anness. Il-Polonja oġġezzjonat għall-mod kif tmexxiet il-proċedura u għad-dispożizzjonijiet proposti fid-dokument.

6. **Regolament dwar il-proċeduri tal-ażil¹**  10083/23
Approċċ ġenerali



Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar ir-Regolament propost dwar il-proċeduri tal-ażil kif jinsab fid-dokument 10444/23. Dikjarazzjonijiet mill-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Irlanda, Malta u l-Ungerija kif ukoll dikjarazzjoni konġunta mill-Ġermanja, l-Irlanda, il-Lussemburgu u l-Portugall jinsabu fl-Anness. Il-Polonja oġġezzjonat għall-mod kif tmexxiet il-proċedura u għad-dispożizzjonijiet proposti fid-dokument.

7. **Affarijiet oħra** 9877/23
Proposti leġislattivi attwali
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali tal-proposti leġislattivi differenti.

¹ B'mod eċċezzjonali, fil-preżenza tal-Istati Assoċjati ma' Schengen.

Attivitajiet mhux leġislattivi

- | | | | |
|-----|---|---|------------------------|
| 8. | Il-ġlieda kontra l-isfidi tas-sigurtà: valutazzjoni mill-Bord Konsultattiv tal-Intelligence ¹²
<i>Preżentazzjoni mill-Presidenza tal-Grupp Kontra t-Terroriżmu (CTG)</i> |  | |
| 9. | Il-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti u t-terroriżmu ^{1 2}
<i>Skambju ta' fehmiet</i> |  | 9425/23 |
| 10. | L-Access għad-data għall-infurzar effettiv tal-liġi/"going dark" ³
<i>Sitwazzjoni attwali</i> | | 9369/23 |
| 11. | L-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna ⁴
a) Implikazzjonijiet għas-sigurtà interna
b) Protezzjoni temporanja għan-nies li jaħarbu mill-gwerra
<i>Sitwazzjoni attwali</i> | | 9334/23 |
| 12. | Dimensjoni esterna tal-migrazzjoni inkluż is-sitwazzjoni fit-Tuneżija ¹⁵
<i>Sitwazzjoni attwali</i> | | |
| 13. | Konklużjonijiet dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza tas-soċjetà kollha fil-kuntest tal-protezzjoni ċivili, inkluż it-tnejjija għal theddid Kimiku, Bijoloġiku, Radjoloġiku u Nukleari (CBRN)
<i>Approvazzjoni</i> | | 9798/23 |
| 14. | Affarijiet oħra
a) Laqgħa ministerjali tal-Proċess ta' Brdo, Portorož, 3 u 4 ta' April 2023
<i>Informazzjoni mis-Slovenja</i>
b) Laqgħa ministerjali bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni
(Stokkolma, 20-21 ta' Ġunju 2023)
<i>Informazzjoni mill-Presidenza</i>
c) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss
<i>Dikjarazzjoni minn Spanja</i> | | 9843/23

9336/23 |

² L-aġenzija tal-UE l-Europol u l-President tal-Grupp Kontra t-Terroriżmu (CTG) kienu mistiedna għal dan il-punt.

³ L-aġenziji tal-UE l-Europol u l-Eurojust kienu mistiedna għal dan il-punt.

⁴ L-aġenziji tal-UE l-Europol, l-Eurojust, l-EUAA u l-Frontex kienu mistiedna għal dan il-punt.





⁵ L-aġenziji tal-UE l-Frontex u l-EUAA kienu mistiedna għal dan il-punt.


IL-ĠINGHA 9 TA' ĠUNJU 2023

ĠUSTIZZJA

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

15. **Direttiva kontra kawżi strateġiċi kontra l-parteciċipazzjoni pubblika ("Direttiva kontra s-SLAPP")**  9263/23
Approċċ ġenerali
- Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar id-Direttiva proposta. Dikjarazzjoni mill-Ungerija tinsab fl-Anness.
16. **Direttiva li temenda d-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu**  9313/23
Approċċ ġenerali
- Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar id-Direttiva proposta.
17. **Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika**  9305/23 + ADD 1-2
Approċċ ġenerali
- Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar id-Direttiva proposta. Dikjarazzjonijiet mill-Bulgarija, il-Polonja u l-Ungerija u dikjarazzjonijiet konġunti mill-Belġju, il-Greċja, l-Italja u l-Lussemburgu, kif ukoll miċ-Ċekja u l-Estonja, jinsabu fl-Anness.
18. **Direttiva dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u ta' pjeni għall-ksur ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni**  9312/23
Approċċ ġenerali
- Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar id-Direttiva proposta.

19. **Direttiva dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi**  9314/23
Approċċ ġenerali

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar id-Direttiva proposta.

20. **Affarijiet oħra** 9877/23
Proposti leġiżlattivi attwali
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali tal-proposti leġiżlattivi differenti fil-qasam tal-ġustizzja.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

21. Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)⁶ 7065/23
Sitwazzjoni attwali
22. L-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna: investigazzjoni u 9315/23
prosekuzzjoni tal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-UE³
Skambju ta' fehmiet
23. Aspetti ġudizzjarji tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata: 9720/23
investigazzjonijiet effettivi u drittijiet fundamentali³
Skambju ta' fehmiet
24. Konklużjonijiet dwar is-sikurezza ta' persuni LGBTI fl-Unjoni 9656/1/23 REV 1
Ewropea
Approvazzjoni
25. L-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet 9292/23
tal-Bniedem
Sitwazzjoni attwali
26. Affarijiet oħra
- a) Laqgħa ministerjali bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-qasam tal- 9336/23
Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (Stokkolma, 20-
21 ta' Ġunju 2023)
Informazzjoni mill-Presidenza 9861/23
- b) Konferenza tal-Ministri għall-Ġustizzja tal-Kunsill tal-
Ewropa, Riga, 11 ta' Settembru 2023
Informazzjoni mil-Latvja

⁶ Il-Kap Prosekutur Ewropew kien mistieden għal dan il-punt.

- c) Trasferiment ta' data personali lil stati terzi
 - i) Rieżami tad-deċiżjoni ta' adegwatezza għall-Ġappun
 - ii) Ħidma li għaddejja dwar il-qafas tal-privatezza tad-data bejn l-UE u l-Istati Uniti

Informazzjoni mill-Kummissjoni

- d) Tabella ta' valutazzjoni tal-ġustizzja 2023

Informazzjoni mill-Kummissjoni

- e) Konferenza Diplomatika għall-adozzjoni tal-Konvenzjoni
dwar l-Assistenza Legali Reċiproka (MLA)
Ljubljana, mill-15 sas-26 ta' Mejju 2023

10061/1/23 REV 1

Informazzjoni mis-Slovenja

- f) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss
Dikjarazzjoni minn Spanja



L-ewwel qari



Punt ristrett



Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

Dikjarazzjonijiet għall-punti leġislattivi "B" li jinsabu fid-dokument 9917/23

Dwar il-punt "B" **Regolament dwar il-ġestjoni tal-ażil u tal-migrazzjoni**
nru 5: *Approċċ ġenerali*

Dwar il-punt "B" **Regolament dwar il-proċeduri tal-ażil**
nru 6: *Approċċ ġenerali*

DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA

"Il-Bulgarija tixtieq tikkonferma l-impenn tagħha għall-isforzi komuni biex jiġu ffinalizzati n-negozjati dwar il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil. Diġà għamilna pass 'il quddiem billi implimentajna proġett pilota fil-qasam tal-ażil, ir-ritorn, il-ġestjoni tal-fruntieri u l-kooperazzjoni internazzjonali li ser iwassal għal xi bidliet fil-prattiki u l-leġislazzjoni nazzjonali. Ir-rieda tal-Bulgarija li timxi 'l quddiem bil-Patt dehret ukoll bl-appoġġ tal-approċċi ġenerali għar-Regolament dwar l-Iskrinjar u r-Regolament Eurodac.

Nemmnu li s-sistema l-ġdida tal-ażil għandha tagħti rispons Ewropew komuni komprensiv u strutturat filwaqt li tiżgura bilanċ bejn is-solidarjetà u r-responsabbiltà. Is-sistema għandha tkun operazzjonalment funzjonali, ġusta u sempliċi. Għandu jitqies it-tħassib leġittimu tal-Istati Membri dwar il-pożizzjoni ġeografika tagħhom u l-Istati Membri l-aktar esposti m'għandhomx iġorru piż addizzjonali u sproporzjonat. Dwar il-proposta għal Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil (APR), għad għandna tħassib dwar il-proċeduri fuq il-fruntiera marbuta man-numri għal kapaċità adegwata u l-użu tal-frażi "jawtorizza d-dħul". Dwar il-proposta għal Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni (AMMR), il-Bulgarija tixtieq tara rispons komuni tal-UE anki għal sitwazzjonijiet ta' riskju ta' pressjoni migratorja. Nemmnu li huwa fl-interess tal-UE li l-Istati Membri l-aktar esposti jingħataw appoġġ għal skopijiet ta' protezzjoni tal-fruntieri biex tiġi evitata l-kriżi tal-migrazzjoni. Huma meħtieġa wkoll aktar sforzi biex jiġu ddeterminati l-perjodi ta' żmien xierqa għall-waqfien u t-trasferiment tar-responsabbiltà sabiex jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn is-solidarjetà u r-responsabbiltà.

Filwaqt li tirrikonoxxi l-importanza li jsir progress fir-riforma, f'dan l-istadju tan-negozjati l-Bulgarija ma tistax taċċetta t-testi ta' kompromess dwar l-AMR u l-APR proposti mill-Presidenza u ser tastjeni.

Barra minn hekk, il-Bulgarija tixtieq tfakkar is-sensittività tagħha rigward l-użu ta' termini relatati mal-ġeneru fl-APR b'kont meħud tad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Bulgarija."

DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA ĊEKA

"Ir-Repubblika Ċeka tapprezza ħafna l-isforzi tal-Presidenza Żvediża fin-negozjar tal-kompromess dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġestjoni tal-ażil u tal-migrazzjoni u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill (KE) 2003/109 u r-Regolament propost (UE) XXX/XXX [il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil] u l-Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE, filwaqt li tibni fuq il-kunċett żviluppat matul il-Presidenza Ċeka.

B'referenza għall-Artikolu 7b, il-punt 1(ba), tal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġestjoni tal-ażil u tal-migrazzjoni u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill (KE) 2003/109 u r-Regolament propost (UE) XXX/XXX [il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil], ir-Repubblika Ċeka tilqa' l-fatt li f'konformità ma' din id-dispożizzjoni, il-persjoni li tirriżulta mill-preżenza ta' ċittadini Ukreni fir-Repubblika Ċeka ser tiġi kkunsidrata bis-sħiħ sabiex ir-Repubblika Ċeka tkun tista' tiġi eżentata milli ttiprovdi solidarjetà lil Stati Membri oħra sakemm ikun hemm din il-persjoni, filwaqt li tirrikonoxxi li r-Repubblika Ċeka tospita l-ogħla numru ta' persuni li qed jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna per capita.

Barra minn hekk, filwaqt li tirreferi għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-9 ta' Frar 2023, ir-Repubblika Ċeka tilqa' bi pjaċir il-fatt li l-Kummissjoni Ewropea dalwaqt ser tnedi sejħa biex jingħata appoġġ finanzjarju addizzjonali lill-Istati Membri taħt persjoni b'mod partikolari għal dawk li jgħorru l-akbar piż tal-kostijiet mediċi, tal-edukazzjoni u tal-għajxien tar-refuġjati spostati mill-Ukrajna."

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija tibqa' timpenja ruħha għar-riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, madankollu, aħna nemmnu li l-unika soluzzjoni aċċettabbli għal din il-kwistjoni hija sistema li timminimizza u finalment telimina l-inċentivi għall-migrazzjoni illegali u li għandha l-għan li tipprevjeni lil persuni li jixtiequ jabbużaw mis-sistema tal-ażil milli jidħlu fl-Unjoni Ewropea.

Biex tiġi żviluppata sistema bħal din, huwa essenzjali li jinstab bilanċ bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà, iżda nemmnu li dan il-bilanċ ma ntlaħaqx fiż-żewġ abbozzi ta' regolamenti.

Minkejja l-fatt li l-Ungerija mhijiex wieħed mill-Istati Membri l-aktar esposti f'termini ta' migrazzjoni illegali, bħala Stat Membru bi fruntieri esterni sinifikanti, hija tibqa' responsabbli għall-eliminazzjoni tal-persjoni migratorja fuq l-Unjoni Ewropea. Minbarra din ir-responsabbiltà, l-abbozz attwali tar-Regolament dwar l-APR jobbliga lill-Ungerija tiżgura livell ħafna ogħla ta' kapaċità għat-tweqqif ta' proċeduri fuq il-fruntiera minn Stati Membri oħra, li mhuwiex ġust u realistiku minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħna.

L-Ungerija ilha mill-2015 tikkommetti ruħha għall-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea, mingħajr l-appoġġ tal-UE, f'konformità mal-obbligi tagħha skont l-acquis ta' Schengen, liema sforzi għandhom jiġu rikonoxxuti wkoll bħala forma ta' solidarjetà.

Għall-kuntrarju ta' dan, il-qafas legali l-ġdid propost ma jqisx ir-riżorsi mill-baġits nazzjonali li jintefqu fuq il-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea bħala solidarjetà, iżda minflok jimponi obbligi addizzjonali kemm f'termini tal-ġoti ta' solidarjetà lil Stati Membri oħra kif ukoll f'termini ta' responsabbiltà għall-waqfien tal-migrazzjoni illegali.

Biex iżżomm mal-pożizzjoni konsistenti tagħna, l-Ungerija ma tistax tappoġġa l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' solidarjetà bbażat fuq id-distribuzzjoni obbligatorja tal-migranti, u għalhekk ma taqbilx mal-introduzzjoni ta' kumpensi tar-responsabbiltà bħala element obbligatorju tal-qafas ta' solidarjetà.

Nibqgħu konvinti bis-sħiħ mill-ħtieġa li tiġi żviluppata sistema li jkollha l-għan li tindirizza l-għeruq ta' dak li jikkawża l-migrazzjoni illegali u li twaqqaf dan il-fenomeni kemm jista' jkun qrib il-pajjiżi ta' oriġini, diġà barra mill-Unjoni Ewropea.

Fil-fehma tagħna, l-ebda wieħed miż-żewġ abbozzi ta' regolamenti ma jista' jikseb l-oġettivi ta' hawn fuq u dan joħloq biss aktar fatturi ta' attrazzjoni għall-migrazzjoni illegali, li jagħmilha impossibbli li jiġi sfruttat il-potenzjal tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur.

B'kont meħud tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, l-Ungerija mhijiex f'pożizzjoni li taççetta l-approçċ ġenerali tal-abbozz ta' Regolament dwar il-ġestjoni tal-ażil u tal-migrazzjoni (AMMR) u l-abbozz ta' Regolament dwar il-proċeduri tal-ażil (APR)."

DIKJARAZZJONI MILL-IRLANDA

"L-Irlanda tilqa' l-Approçċi Ġenerali proposti dwar ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni ("AMMR") u r-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil ("APR") u fl-ispirtu ta' kompromess tista' tappoġġa t-tnejn li huma.

Dawn il-miżuri huma skont l-Artikolu 78(2) u l-Artikolu 79(2) TFUE u peress li dawn l-Artikoli jaqgħu taħt it-Titolu V tat-Tielet Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, japplika l-Protokoll Nru 21 għat-TUE u t-TFUE. Skont il-Protokoll 21, l-Irlanda għandha d-dritt li tagħżel li tadotta l-miżuri proposti fi żmien tliet xhur wara li jkunu ġew ippreżentati lill-Kunsill, jew f'kull żmien wara l-adozzjoni tal-miżuri.

L-Irlanda ma eżerċitatx l-intitolament li tissieħeb fil-proposti meta ġew ippreżentati iżda kienet involuta b'mod attiv fin-negożjati. B'mod partikolari, l-Irlanda fittxet li tindirizza kwistjonijiet b'rabta marbutin mal-ġeometrija varjabbli u r-referenzi fil-proposti għal miżuri li l-Irlanda ma tipparteċipax fihom.

Referenzi bħal dawn ma jistgħux joħlqu obbligu pożittiv fuq l-Irlanda li timplimenta miżuri li ma tipparteċipax fihom. Bl-għan li t-test isir aktar ċar fir-rigward tan-nuqqas ta' parteċipazzjoni tal-Irlanda f'ċerti miżuri sottostanti, l-Irlanda pproponiet għadd ta' emendi tekniċi minuri mmirati lejn ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni ("AMMR") u r-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil ("APR").

Sfortunatament, minħabba l-intensità u r-ritmu tan-negożjati, ma kienx possibbli li jiġu żgurati l-emendi minuri qabel ftehim dwar l-Approçċi Ġenerali fir-rigward tal-AMMR u l-APR.

L-Irlanda tifhem u tilqa' bi pjaċir il-fatt li l-Presidenza impenjat ruħha li tindirizza l-kwistjoni akbar tal-ġeometrija varjabbli, kif ukoll it-talba tal-Irlanda għal għadd żgħir ta' emendi tekniċi biex jirriflettu l-pożizzjoni tagħna, fi stadju aktar tard fin-negozjati. Filwaqt li l-Irlanda kienet tippreferi li t-tħassib speċifiku tagħna jiġi indirizzat qabel l-Approċċi ġenerali; li fir-rigward tagħhom naqsmu l-ambizzjoni ta-Presidenza, l-Irlanda, fl-interess ta' kompromess, ser taqbel mal-approċċ tal-Presidenza."

DIKJARAZZJONI MINN MALTA

"Ir-riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil tibqa' ta' importanza ewlenija biex ikun hemm kondivizzjoni ġusta tal-piżijiet u solidarjetà effettiva. F'dan ir-rigward, filwaqt li Malta hija grata għall-isforzi li saru, hija tal-fehma li l-aħħar kompromess dwar ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni u dwar ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil ma jipprevedix il-bilanċ meħtieġ.

Malta, bħala Stat Membru Gżira ta' daqs żgħir b'vulnerabbiltajiet partikolari, diġà qed tiffaċċa piż sinifikanti permezz tal-acquis attwali u l-proċeduri stipulati fir-riforma jkomplu jżidu r-responsabbiltajiet, inkluż permezz ta' proċeduri obbligatorji fuq il-fruntiera u skedi ta' żmien iktar ristretti biex jitwettqu r-responsabbiltajiet, filwaqt li l-mekkaniżmu ta' solidarjetà jibqa' flessibbli u ma jipprovdix l-assigurazzjonijiet meħtieġa li l-ħtiġijiet identifikati ser jiġu ssodisfati bis-sħiħ.

Għalhekk, Malta qed tastjeni rigward l-approċċ ġenerali dwar ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni u dwar ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil kif inhuma bħalissa."

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-ĠERMANJA, L-IRLANDA, IL-LUSSEMBURGU U L-PORTUGALL

Il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Lussemburgu u l-Portugall jirringrazzjaw lill-Presidenza tal-Kunsill għall-ħidma tagħha, li, wara negozjati diffiċli ferm, għamlet possibbli l-approċċi ġenerali dwar il-proposti għal Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil u għal Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni fil-Kunsill tal-Ministri għall-Affarijiet Interni tal-UE.

Il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Lussemburgu u l-Portugall jindikaw li l-eżenzjonijiet mill-proċedura fuq il-fruntiera għall-minorenni u l-membri tal-familja tagħhom jibqgħu importanti ħafna għalina. Ser inkomplu nipromwovu dan fin-negozjati tat-trilogu.

Dwar il-punt "B" **Direttiva kontra kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika**
nru 15: **("Direttiva kontra s-SLAPP")**
 Approċċ ġenerali

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija hija impenjata li tippoteġi l-libertà tal-espressjoni. Għaldaqstant, aħna nappoġġaw l-oġettivi tad-Direttiva proposta. B'mod partikolari, peress li tiżgura li l-firxa ta' strumenti disponibbli kontra kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika tkun wiesgħa kemm jista' jkun. Għalhekk, fl-ispirtu ta' kompromess nistgħu nappoġġaw l-approċċ ġenerali kif propost mill-Presidenza. Madankollu, inżommu l-pożizzjoni tagħna li definizzjoni xierqa ta' "implikazzjonijiet transfruntiera" ibbażata fuq raġunijiet oġġettivi tkun essenzjali biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u biex il-proċedimenti jsiru aktar prevedibbli kemm għall-partijiet kif ukoll għall-prattikanti legali. L-ommissjoni ta' tali definizzjoni tista' twassal għal interpretazzjonijiet li ma jkunux konsistenti mal-oġettivi mfittxija mill-proposta."

Dwar il-Punt "B"
nru 17:

Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika
Approċċ ġenerali

DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA

"Ir-Repubblika tal-Bulgarija tagħti importanza kbira lill-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, li parti importanti minnhom hija l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. Aħna, u ser nibqgħu, iddedikati għall-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif minquxa fit-Trattati.

Ir-Repubblika tal-Bulgarija hija impenjata bis-sħiħ fil-ġlieda kontra l-vjolenza domestika u l-vjolenza kontra n-nisa. Il-Gvern u s-soċjetà ċivili tal-Bulgarija huma involuti b'mod attiv fil-prevenzjoni ta' dawn il-forom ta' vjolenza kif ukoll fil-ħarsien u fl-għoti ta' appoġġ lill-vittmi tagħhom. Aħna nqisu l-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva") bħala pass importanti fil-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet, il-protezzjoni tal-vittmi u l-ikkastigar tat-trasgressuri li ser jappoġġaw lill-Istat Membru tal-UE javvanza l-leġislazzjoni nazzjonali tiegħu.

Madankollu, fl-2018, il-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Bulgarija adottat deċiżjoni li tiddikjara li l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika ("Konvenzjoni ta' Istanbul") tippromwovi kunċetti legali li għandhom l-għan li jiddifferenzjaw bejn "sess" bħala kategorija bijoloġika (nisa u rġiel) u "ġeneru" bħala kostruzzjoni soċjali.

Fl-2021, il-Qorti Kostituzzjonali adottat deċiżjoni oħra li tiċċara li l-kunċett ta' "sess" użat fil-Kostituzzjoni jista' jitqies biss fis-sens tad-determinazzjoni bijoloġika tiegħu.

Fid-dawl tad-deċiżjonijiet imsemmija hawn fuq, ir-Repubblika tal-Bulgarija tiddikjara li t-terminu "ġeneru" użat fid-Direttiva u kwalunkwe wieħed mit-termini derivattivi tiegħu huma mifhuma li jinkludu biss is-sess maskili u femminili fit-tifsira bijoloġika tagħhom. Ir-Repubblika tal-Bulgarija tiddikjara wkoll li ma taċċettax il-kunċett ta' ġeneru u l-approċċ abbażi tal-ġeneru, kif definit fil-Konvenzjoni ta' Istanbul. Dawk il-kunċetti huma kkunsidrati inkompatibbli mal-prinċipji ewlenin tal-Kostituzzjoni Bulgara u mal-fehim binarju tas-sess.

Fl-aħħar nett, ir-Repubblika tal-Bulgarija ser taċċetta biss it-traduzzjoni bil-Bulgaru tat-terminu "ġeneru" bħala "пол" fit-test tad-Direttiva."

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija għandha tħassib dwar il-bażi legali tal-proposta għal Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika. L-Artikolu 83 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi li "[i]l-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu permezz ta' direttivi skont il-proċedura leġislattiva ordinarja, jistgħu jistabbilixxu regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fl-oqsma tal-kriminalità partikolarment gravi ta' dimensjoni transkonfinali li jirriżultaw min-natura jew l-impatt ta' dawn ir-reati jew minn ħtieġa partikolari li jiġu miġġielda fuq bażijiet komuni." Dan l-Artikolu jelenka l-"kriminalità fl-informatika" fost l-hekk imsejħa ewrodelitti. Madankollu, dan ma jistax jiġi interpretat li jfisser li s-setgħat leġislattivi stabbiliti minn dan l-Artikolu jestendu għall-armonizzazzjoni tar-reati kriminali kollha li jitwettqu online jew bl-użu tal-kompjuters.

Barra minn hekk, l-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija, u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta t-terminu "ġeneru" bħala referenza għal "sess" fid-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika."

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

"Il-Polonja tirrispetta bis-sħiħ id-dritt għal trattament ugwali tan-nisa u l-irġiel, kontinwament tistinka biex telimina l-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika bl-istess mod biex issaħħaħ il-protezzjoni tal-vittmi. Fl-istess ħin, il-Polonja ma tappoġġax l-adozzjoni tal-approċċ ġenerali għall-abbozz sħiħ tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fil-formulazzjoni u l-proċedura attwali.

Fil-kuntest tal-opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill, il-Gvern Pollakk jemmen li l-proċedura xierqa għall-adozzjoni tal-abbozz ta' Direttiva msemmi hawn fuq tkun, inizjalment, l-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Kunsill biex testendi l-katalogu ta' reati Ewropej skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 83(1), paragrafu 3 TFUE. L-armonizzazzjoni proposta tirreferi għal reati li diffiċli jiġu kklassifikati f'dan il-grupp. Fil-fatt, mhux ir-reati kollha indikati fil-proposta jistgħu jitqiesu li huma koperti b'mod ċar mill-kunċett ta' "sfruttament sesswali tan-nisa u t-tfal" jew "kriminalità tal-informatika".

Barra minn hekk, għandu jittfakkar li t-tentattiv biex tiġi estiża l-lista ta' reati skont l-Artikolu 83(1) TFUE biex tinkludi reat ġdid ta' "diskors ta' mibegħda", kif previst fl-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill COM (2021) 777, ma mexxiex. Il-liġi tal-Unjoni Ewropea ma tużax il-kunċett ta' reat ta' mibegħda, u l-Artikolu 10 propost jista' jitqies bħala ċirkonvenzjoni tal-proċedura ta' unanimità tat-Trattat u jikkonferma kummenti dwar il-bażi legali skorretta ta' dan l-abbozz ta' Direttiva.

Fl-istess ħin, ta' min jinnota li l-Artikoli 2 u 3 (3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jirreferu espliċitament għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u ma jużawx it-terminu "ġeneru", iżda "sess". Il-kunċett ta' "ġeneru" m'għandux definizzjoni fil-liġi fundamentali tal-UE, u għalhekk għadu vag u jinftiehem b'mod ambigwu fl-Istati Membri. Għalhekk, il-Polonja tirriżerva lilha nnifisha biex tinterpreta t-terminu "ġeneru", użat fit-test tal-Proposta, bħala identiku għat-terminu "sess" li mhux ambigwu u li huwa stabbilit sew fil-liġi tal-Unjoni Ewropea.

Fl-opinjoni tal-Polonja, din l-inizjattiva hija eżempju ieħor ta' tentattiv ta' ksar tar-regola tal-votazzjoni b'unanimità u tipprova testendi l-kompetenzi tal-UE mingħajr ma temenda t-Trattati tal-Unjoni Ewropea. Il-Polonja inekwivokament ma tapprovax dan it-tip ta' prattika. Għaldaqstant, il-Polonja ser tipprova telimina l-obbligi li jirriżultaw mid-Direttiva jekk tiġi adottata, b'mekkaniżmi nazzjonali xierqa li jinvolvu eżami tal-kostituzzjonalità tal-interpretazzjoni tat-Trattati tal-Unjoni Ewropea mill-Kunsill u mill-Parlament, fil-kamp ta' applikazzjoni li jċaħħad lill-Polonja mill-possibbiltà li ma taqbilx f'konformità mar-regola tal-votazzjoni b'unanimità fl-Artikolu 83(1), paragrafu 3 TFUE. Għalhekk, il-Polonja tqis li din tikkostitwixxi azzjoni ultra vires tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea li ma tistax torbot lill-Istati Membri."

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-BELĠJU, IL-GREĊJA, L-ITALJA U L-LUSSEMBURGU

"Dikjarazzjoni konġunta mill-Belġju, il-Greċja, l-Italja u l-Lussemburgu għall-minuti tal-COREPER u tal-Kunsill dwar l-approċċ ġenerali dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika

Il-Belġju, il-Greċja, l-Italja u l-Lussemburgu jappoġġaw bil-qawwa l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika. Il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, u b'mod partikolari l-vjolenza sesswali, hija pjaga li rridu nindirizzaw flimkien. Din it-tip ta' vjolenza wriet li tant rabbiet l-għerūq fis-soċjetà tagħna li rispons nazzjonali, kif diġà għandna madwar l-Ewropa, ma għadux biżżejjed. Iċ-ċifri huma inkwetanti daqs qatt qabel u issa hija meħtieġa azzjoni konġunta.

Barra minn hekk, aħna nappoġġaw it-test ta' kompromess tal-Presidenza sabiex jintlaħaq approċċ ġenerali fil-laqgħa tal-Kunsill ĠAI fid-9 ta' Ġunju 2023.

Madankollu, jiddispijacija ħafna għan-nuqqas ta' ambizzjoni politika fir-rigward tal-kriminalizzazzjoni tar-reat ta' stupru. B'mod partikolari, aħna ma naqblux mal-analiżi ta' għadd ta' Stati Membri li l-bażi legali fit-trattati ma tkunx adegwata biex jiġu stabbiliti regoli minimi dwar ir-reat ta' stupru.

Is-Servizz Legali tal-Kunsill qal li fl-opinjoni tiegħu, il-"Kunsill jista' jagħżel li [...] japprova qari aktar estensiv tal-bażi legali fir-rigward tal-kunċett ta' sfruttament sesswali tan-nisa u t-tfal, abbażi ta' żewġ aspetti [...], jiġifieri, i) l-użu tal-konġunzjoni ta' koordinazzjoni "u" fid-deskrizzjoni tal-qasam tal-kriminalità fl-Artikolu 83(1) TFUE, u, ii) il-fatt li fid-Direttiva dwar l-Abbuż Sesswali u l-Isfruttament Sesswali tat-Tfal, il-bażi legali ta' "sfruttament sesswali tat-tfal" ġiet interpretata b'mod kemxejn estensiv u użata biex jiġu stabbiliti regoli minimi dwar reat fejn l-element ta' sfruttament huwa inqas preżenti iżda pjuttost huwa ffukat fuq l-użu tal-vjolenza bħala forma ta' abbuż sesswali." Il-konfigurazzjoni tas-soċjetà hija tali li l-fatt li tkun mara jew tifel/tifla bla dubju tagħmlek aktar vulnerabbli għall-vjolenza sesswali u tikkostitwixxi vulnerabbiltà għall-abbuż li jista' jiġi preżunt. Dan l-approċċ jiġġustifika raġunament simili għal dak adottat fl-Artikolu 3 paragrafu 5, (iii) tad-Direttiva dwar l-Abbuż Sesswali tat-Tfal.

Minħabba l-evoluzzjoni inkwetanti tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru f'dawn l-aħħar deċennji, dawn it-tipi ta' delitti x'aktarx li ma jonqsux b'mod sinifikanti mingħajr azzjoni addizzjonali tal-UE. Għalhekk, jiddispijacija ħafna għal din l-opportunità mitlufa biex jiġu stabbiliti regoli minimi dwar il-ġlieda effettiva kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru."

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MIR-REPUBBLIKA ĊEKA U L-ESTONJA

"Ir-Repubblika Ċeka u l-Estonja jappoġġaw bis-sħiħ l-għanijiet tal-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika. Madankollu, nixtiequ nenfazzjaw it-tħassib tagħna dwar il-possibbiltà ta' ħolqien ta' preċedent bl-interpretazzjoni wiesgħa tal-qasam tal-*kriminalità fl-informatika* fis-sens tal-Artikolu 83, il-paragrafu 1 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE" jew "Trattat"). Din id-dispożizzjoni tipprovdi lill-Unjoni b'kompetenza li tistabbilixxi regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fl-oqsma ta' delitti partikolarment gravi ta' dimensjoni transfruntiera li jirriżultaw min-natura jew l-impatt ta' dawn ir-reati jew minn ħtieġa partikolari li jiġu miġġielda fuq bażijiet komuni. L-awturi tat-Trattat żammu f'moħħhom il-ħtieġa speċifika li jiġu salvagwardjati l-aspetti fundamentali tas-sistemi nazzjonali tal-ġustizzja kriminali kif jidher ċar mill-Artikolu 83, il-paragrafu 3 TFUE. Dan huwa enfazzjat ukoll fl-Artikolu 67, paragrafu 1 TFUE li jenfazzza b'mod espliċitu l-ħtieġa li jiġu rispettati s-sistemi u t-tradizzjonijiet legali u differenti tal-Istati Membri, li jirrifletti l-fatt li l-kwistjonijiet tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni jaqgħu fil-qasam ewlieni tas-sovranià tal-Istati Membri.

Il-lista tal-hekk imsejħa *ewrodelitti* fl-Artikolu 83, paragrafu 1 TFUE tkopri ħdax-il qasam ta' kriminalità, li jistħoqqilhom approċċ komuni tal-Unjoni minħabba n-natura partikolarment serja tagħhom u d-dimensjoni transfruntiera tipika tagħhom. Il-lista tista' tiġi estiża biss b'deċizzjoni unanima tal-Kunsill wara li jikseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew. Fid-dawl ta' dan, il-lista ta' *ewrodelitti* m'għandhiex tiġi interpretata b'mod wiesa'.

Fil-livell tal-UE hemm żewġ strumenti legali bbażati fuq l-Artikolu 83, paragrafu 1 TFUE b'referenza għall-qasam tal-*kriminalità fl-informatika* - id-Direttiva 2019/713 u d-Direttiva 2013/40/UE. Dawn iż-żewġ strumenti jkopru reati li jistgħu jitwettqu biss permezz tal-użu tat-teknoloġija, fejn l-apparat huwa kemm l-għodda għat-twettiq tad-delitt kif ukoll il-mira tad-delitt (*kriminalità ciberdipendenti*). Il-proposta għal Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika ssegwi loġika differenti, it-teknoloġija nnifisha mhijiex meħtieġa biex jitwettaq reat kriminali iżda tintuża biex tiżdied l-iskala jew il-firxa ta' delitti "*tradizzjonali*" (*kriminalità ffaċilitata miċ-ċibernetika*).

Konsegwentement, jekk "*kriminalità fl-informatika*" tiġi interpretata bħala li tkopri kull att li jista' jitwettaq permezz ta' sistema tal-kompjuter, dan jagħti lill-Unjoni Ewropea kompetenza illimitata li tikkriminalizza diversi imġiba mhux relatata ma' kwalunkwe qasam ieħor ta' reati diġà elenkati fl-Artikolu 83, il-paragrafu 1 TFUE b'referenza biss għall-fatt li tali atti jistgħu jitwettqu permezz ta' sistema tal-kompjuter. Dan mhux biss iwessa' b'mod sinifikanti l-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenzi tal-UE, iżda jista' jwassal għal effett konsegwenzjali, minħabba li l-Istati Membri li jimplementaw tali leġiżlazzjoni jkollhom jiżguraw li l-liġi kriminali tagħhom tiffirma totalità koerenti. Għalhekk, tali reati ġodda x'aktarx li jiġu trasposti b'mod teknoloġikament newtrali li jfisser li minkejja r-referenza fil-leġiżlazzjoni tal-UE għar-reat imwettaq permezz ta' sistema tal-kompjuter, it-traspożizzjoni nazzjonali mistennija tkopri wkoll forom oħra ta' twettiq ta' tali reat.

L-Artikolu 10 dwar l-inċitament għall-mibegħda huwa wieħed minn dawn l-eżempji. L-istabbiliment ta' rekwiżiti minimi ta' inċitament għall-mibegħda kien ikun aktar adatt wara ftehim biex tiġi estiża l-lista ta' *ewrodelitti* fl-Artikolu 83, paragrafu 1 TFUE. Dan kien jippermetti ħarsa ġenerali komprensiva tal-*acquis* eżistenti biex jiġi żgurat li r-reati jkunu fformulati tajjeb, ikopru l-aktar forom serji ta' inċitament u ma jiksrux il-libertà tal-espressjoni."

Dikjarazzjonijiet għall-punti leġiżlattivi "A" li jinsabu fid-dokument 9919/23

Dwar il-Punt "A" **Reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Permess Uniku**
nru 2: *Approċċ ġenerali*

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija tixtieq tenfasizza l-apprezzament tagħha għall-isforzi tal-Presidenza biex issib kompromess fil-Kunsill dwar ir-riformulazzjoni.

Madankollu, għad hemm elementi fil-proposta li mhumiex konformi mal-pożizzjoni tagħna. Aħna kontra l-isforzi biex iħeġġu l-mobbiltà tal-ħaddiema fi ħdan l-Istati Membri, li toħloq sfida serja għall-pajjiżi tar-reġjun tagħna. Ir-riformulazzjoni tad-Direttiva tkompli tirrestrinġi l-ispazju għall-immanuvrar, partikolarment fir-rigward tal-possibbiltà li jinbidel l-istatus u li jiġu permessi perjodi ta' qgħad.

Il-kompetenzi nazzjonali għandhom jinżammu biex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet ikunu jistgħu jwieġbu b'mod flessibbli għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u l-bidliet fihom, filwaqt li jitqiesu l-kondizzjonijiet ekonomiċi, ġeografiċi, kulturali u soċjali differenti. Inqisu li huwa essenzjali li l-Istati Membri jitħallew fil-libertà li jiddeċiedu min jista' jidħol fit-territorju tagħhom biex jaħdem, taħt liema kondizzjonijiet u proċedura ta' ammissjoni. Għalhekk, nixtiequ nenfasizzaw il-pożizzjoni b'saħħitha tagħna li skontha l-Ungerija la tqis li hi meħtieġa u lanqas xierqa aktar armonizzazzjoni tar-regoli rilevanti fil-qasam tal-migrazzjoni legali, u f'dan ir-rigward nixtiequ ntennu l-pożizzjoni tagħna dwar il-migrazzjoni legali b'mod ġenerali.

Nagħrfu li l-kompromess li ntlaħaq huwa r-riżultat ta' negozjati xierqa, madankollu, għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq l-Ungerija tastjeni milli tadotta l-approċċ ġenerali."